MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 1424/1994/1

**Francis u Pauline sive Polly konjugi Fenech**

**v.**

**Carmelo Portelli fil-kwalita` tieghu u**
**bhala Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Ambjent u**
**l-Onorevoli Francis Zammit Dimech**
**bhala Ministru ta' l-Ambjent**

**Il-Qorti:**
**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' April 2004, dwar talba li l-atturi ghamlu permezz ta' citazzjoni pprezentata minnhom fis-27 ta' Ottubru 1994 ghal dikjarazzjoni li l-konvenuti huma debituri lejhom ghall-valur ta' xoghol allegatament maghmul minnhom fuq inkarigu tal-Ministru ta' l-Ambjent, f'diversi toroq fl-inhawi ta' Wied il-Ghajn, Marsaxlokk u z-Zejtun, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut lilhom ghal tali xoghol u l-konsegwenti kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma likwidata, oltre l-ispejjez legali. Dik il-Qorti laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenuti, appellanti odjerni, jhallsu s-somma ta' LM113,224 bl-imghaxijiet legali pagabbli mit-18 ta' Novembru 1993 sal-pagament effettiv. Din il-Qorti, qeghdha tirriproduci s-sentenza appellata ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell, liema sentenza rriteniet u ddecidiet hekk:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-27 ta' Ottubru, 1994, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi l-atturi kienu ghamlu xoghol f'diversi toroq fl-inhawi ta' Wied il-Ghajn, M'Xlokk u San Tumas, Zejtun, fuq inkarigu tal-Ministeru ta' l-Ambjent.

"Ippremettew li l-atturi ghal certu zmien kienu qed jaghmlu dan ix-xoghol bhala membri tal-kumpanija "*Land Sea Civil Engineering Co. Ltd'* li lilhom kien jinghata x-xoghol mill-konvenuti.

"Ippremettew ili peress li fl-1987 dan il-mod ta' l-ezekuzzjoni tal-kuntratti u l-eventwali hlas inbidel, billi l-konvenuti bdew ihallsu direttament lill-kuntratturi li kienu hadmu jew qed jahdmu x-xoghol lilhom moghti, fosthom l-atturi.

"Ippremettew illi ghal dan il-ghan il-Ministeru dahal f'obbligazzjoni ma' dawn il-membri inkluzi l-atturi dwar il-hlas direttament minnu lilhom ta' dak ix-xoghol li kien sar minnhom.

“Ippremettew illi l-atturi kienu fost dawn il-membri u sar hlas lilhom kemm bil-metodu l-antik kif ukoll skond il-metodu tal-1987 direttament lilhom mill-konvenuti, kif miftiehem skond id-Dok. ‘A’ hawn esebit.

“Ippremetttew illi barra dan lill-atturi sarilhom hlas ukoll ta’ xoghol, illi ghalkemm mhux inkluz fil-lista taghhom fid-Dok. ‘A’, sar minnhom u gie hekk maghruf mill-konvenuti, jigifieri f’Tas-Silg f’M’Xlokk u tal-Foss ta’ San Pawl, f’M’Xlokk.

“Ippremettew illi l-atturi esegwew kuntratti ohra ta’ xoghol simili, kif gja premess fl-inhawi, jigifieri f’Ta’ Ciantar limiti ta’ M’Xlokk, f’Ta’ Lonz u Ta’ Zwieqi, it-tnejn limiti ta’ Wied il-Ghajn, li taghhom huwa ghadhom ma thallsux.

“Ippremettew illi l-atturi, kif mitluba mill-konvenuti, ghamlu l-ahjar li setghu biex gabu ghak-konjizzjoni tal-kumitat *ad hoc*, dawk il-fatti u provi kollha sabiex dana jitratta t-talbiet taghhom ghal hlas tax-xoghol minnhom esegwit, kif sar mal-membri tal-kumpanija ‘*Land Sea Civil Engineering Co. Ltd.’*

“Ippremetttew illi l-konvenuti dejjem ammettew illi ghandhom pendenzi ta’ hlas ma’ l-atturi, ta’ xoghol indeterminat kif mitlub, u kif gie premess sa waslu biex hallsu ta’ parti mix-xoghol esegwit mill-atturi.

“Ippremettew illi fuq ix-xoghol li qed jitolbu l-hlas sar il-kejl kollu mehtieg ghal darba, tnejn, minn ufficjali tal-konvenuti u saru l-kunteggi mehtiega sabiex jigi stmat il-hlas dovut lill-atturi, kif ser jirrizulta waqt il-provi.

“Ippremettew illi minkejja dawn l-isforzi kollha msemmija biex l-atturi jithallsu b’mod bonarju u minkejja li qatt qabel ma gie lilhom michud il-hlas dovut, fl-24 ta’ Marzu, 1994 permezz ta’ ittra ufficjali, il-konvenuti cahdu l-pretensjonijiet rimanenti ta’ l-atturi.

“Talbu ghaldaqstant li l-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti:

“1) tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri ta’ l-atturi

“2) tillikwida il-hlas kollu dovut lill-atturi mill-konvenuti u

“3) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma hekk likwidata lill-atturi.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Novembru, 1993 u dik bonarja ta’ l-24 ta’ April, 1993, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

“Rat in–nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:-

“1. Fl-ewwel lok, illi s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta’ l-Ambjent huwa Carmel Portelli u mhux Alfred Portelli.

“2. Illi l-ftehim dwar il-hlas li jsemmu l-atturi kien proprju fis-sens li l-esponenti ntrabtu li jhallsu direttament lill-kuntratturi, u l-vesti ta’ l-atturi ma kienx bhala kuntratturi, izda semplicement biss bhala azzjonijisti fil-Kumpanija ‘*Land Sea Civil Engineering Co. Ltd*’; Kwindi dak il-ftehim ma kienx japplika ghall-atturi.

“3. Illi mhuwiex minnu li l-esponenti dahlu f’xi obbligazzjoni ma’ membri azzjonisti, *qua* l-atturi, biex il-hlas isir direttament lil dawn.

“4. B’danakollu, bonarjament u b’sinjal ta’ rieda tajba, il-hlas li l-atturi jghidu li sarilhom mill-esponenti, sarilhom ghas-saldu tax-xoghol kollu li l-esponenti jaccettaw li effettivament sar (ara dokumenti B u C).

“5. Ulterjorment, illi filwaqt li l-esponenti jichdu kategorikament li ghad fadlilhom xi bilanc xi jhallsu lill-atturi, it-talba ta’ dawn illum il-gurnata hija preskritta *ai termini* ta’ l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenuti;

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“Illi f’din il-kawza jirrizulta li l-Gvern ta’ Malta, fl-1986, kellu diversi progetti ta’ toroq li ried iwettaq f’Malta u Ghawdex u ddecieda li, flok iqabbad in-nies tal-*Public Works Department,* jaghti x-xoghol b'*direct order* lill-kumpaniji partikolari li gew mahluqa minn kuntratturi privati li kienu lesti jaghmlu dan ix-xoghol billi jhadmu nies li kienu fil-Korp tad-Dejma. Wahda mill-kumpaniji li nholqot b’dan l-iskop kienet il-*Land Sea Civil Engineering Company Limited* li kienet komposta minn diversi kuntratturi privati, bhala azzjonisti, bic-*chairman* tal-kumpanija jkun nominat dejjem mill-Gvern. L-ewwel *chairman* ta’ din il-kumpanija kien il-Perit Charles Cassar. Ix-xoghol kien jigi allokat billi l-Gvern jiddeciedi fejn irid jsiru l-asfaltar ta’ toroq, u, f’laqgha ghall-kuntratturi, il-Perit Cassar kien, verbalment, jiddelega lil kull kuntrattur l-*area* fejn kellhom isiru t-toroq. Fil-kaz ta’ l-attur, peress li dan kien mill-inhawi taz-Zejtun, kien jinghata appalt lejn dawk in-nahat. Wara li l-kuntrattur kien jigi delegat lilu x-xoghol, dan kien jipprezenta kwotazzjoni li fiha kellu jindika wkoll kemm, ghal dak il-progett, kien behsiebu juza nies mill-Korp tad-Dejma. Din il-kwotazzjoni, il-kuntrattur kien jipprezenta lill-kumpanija *Land Sea Civil Engineering Co. Ltd.,* u jekk japprovaha, il-Perit Cassar, li kien ukoll ufficcjal governattiv fid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, kien jghaddieha lill-Prim Ministru ghall-approvazzjoni. Meta jitlesta x-xoghol, il-kuntrattur iressaq talba ghall-hlas lill-kumpanija *Land Sea Civil Engineering Company Limited*, u din tghaddi t-talba lill-Gvern. *Surveyors* tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici kienu jmorru ‘*on site’*, jaraw li x-xoghol fil-fatt sar

u jiehdu l-kejl tax-xoghol imwettaq. Dan il-kejl kien jigi mghoddi lill-kuntrattur li kien jikkalkula hu l-hlas dovut lilu. Dan il-kont kien jerga' jigi pprezentat lill-Gvern li kien hatar lill-Perit William Micallef biex jiccejka kull talba ghal hlas. Dan kien jew jikkonferma l-ammont jew, kif kien jigri hafna drabi, kien inaqqas l-ammont, u japprova hlas ta' somma. Din l-approvazzjoni kienet, eventwalment tghaddi f'idejn it-Tezor li kien johrog il-pagament approvat lil-kumpanija *Land Sea Civil Engineering Co. Ltd.* Din il-kumpanija kienet izomm parti mill-hlas ghaliha, u tghaddi l-bilanc lill-kuntrattur koncernat li jkun ghamel ix-xoghol.

"Gara li, wara l-Elezzjoni Generali ta' l-1987, kien hemm bidla fl-amministrazzjoni tal-Gvern u l-Gvern iddecieda li jwaqqaf dik il-procedura ta' ghoti ta' *direct orders* lill-kumpaniji partikolari, fosthom il-*Land Sea Civil Engineering Co. Ltd*. L-ordnijiet li kienu gja inghataw kellhom, pero`, jigu onorati, pero`, giet introdotta sistema gdida dwar kif isir il-hlas. Il-Gvern, fl-ewwel lok, elimina l-involviment tal-kumpanija *Land Sea Civil Engineering Company Limited* (u ohrajn bhala) bhala intermedjarja, u dahal fi ftehim dirett mal-kuntratturi privati sabiex il-hlas jibda jsir direttament lill-kuntratturi. Fit-tieni lok, il-Gvern holoq kumitat *ad hoc*, kompost minn tlett ufficjali governattivi (bic-*chairman* ikun il-Perit Joseph Mizzi), li kellu kompetenza jezamina kull talba li ssir ghall-hlas ghax-xoghol imwettaq fuq *direct orders* mill-Gvern fis-sentejn bejn l-1986 u l-1987. Il-kumitat kellu jivverifika li x-xoghol kien, fil-fatt, gie ordnat mill-Gvern, li twettaq, u, wara, li jitkejjel, li japprova l-hlas.

"F'dan il-kaz, l-attur Francis Fenech, wiehed mill-kuntratturi privati membru fil-kumpanija *Land Sea Civil Engineering Company Limited*, kien inghata appalt biex jaghmel hames bicciet ta' xoghol, u specifikament, xoghol ta' *levelling and asphalting* ta' toroq (1) f' "tal-Foss" gewwa Marsaxlokk; (2) f' "tas-Silg" gewwa Marsaxlokk; (3) f' "ta' Ciantar" gewwa Marsaxlokk; (4) f' "ta' Lonz" gewwa Marsaskala; u (5) "ta' Zwieqi" gewwa Marsaskala. Meta l-attur lesta x-xoghol kollu relattiv, huwa applika ghall-hlas, u t-talbiet tieghu relattivament ghax-xoghol li wettaq fl-*areas* "tal-Foss" u f' "tas-Silg", gew debitament ezaminati

mill-kumitat *ad hoc* inwaqqaf mill-Gvern, approvati, u milqugha; il-hlas relattiv eventwalment, inghata lill-attur.

“Ghar-rigward tat-tlett bicciet xoghol l-ohra, il-hlas relattiv ghadu ma sarx, u dan peress li dwarhom inqalghet problema peress li l-*quotations* relattivi, dawk li jkunu approvati mill-Prim Ministru, ma nstabux u l-kumitat, ghall-ewwel, ma riedx jirrakomanda hlas meta ma kellux dokument ufficjali li juri li x-xoghol kien gie ordnat mill-awtoritajiet Governattivi.

“Wara li l-attur baqa’ jinsisti li hu, fil-fatt, gie mqabbad jaghmel dak ix-xoghol, u ghamlu, l-kumitat investiga l-kaz f’aktar dettal. Il-kumitat tkellem mal-Perit Charles Cassar li kienet il-persuna l-aktar midhla fil-kaz u dan ikkonferma li l-ordni lill-attur inghatat u li x-xoghol sar kollu. L-attur ipprezenta wkoll stqarrijiet guramentati tal-haddiema tieghu li kollha ikkonfermaw li hadmu fuq is-siti in kwistjoni, u stqarrija wkoll mill-Prim Minsitru ta’ dak iz-zmien, Dr. Karmenu Mifsud Bonnici, li kienet tindika wkoll li l-attur inghata appalt biex iwettaq xoghol f’dawk l-inhawi. Il-membri tal-kumitat nizlu personalment jaraw ix-xoghol li sar, u wara li raw b’ghajnejhom li kien sar xoghol gdid, u wara li ivverifikaw li dak ix-xoghol il-gdid, almenu fl-*areas* “ta’ Lonz” u “ta’ Zwieqi”, ma sarx mid-dipartimenti tal-Gvern, ghamlu din ir-rakkomandazzjoni li ggib id-data tal-11 ta’ Ottubru, 1993 u li qed tigi riprodotta *verbatim*:

*“The board has therefore arrived at the following two definite conclusions:-*

*“1. the amount of sixty-seven, one six nine (LM67,169) due to Mr Fenech in respect of the farm roads “ta’ Lonz” and “ta’ Zwieqi” may now be settled.*

*“2. The question concerning “Ta’ Ciantar farm roads” should be examined further because found evidence to the effect that the style of workmanship particularly to the construction of the retaining walls was identical to the rest. The board is therefore postponing its decision on this farm road pending an other on sight investigation in the presence of District Officer Magro to establish beyond in a*

*reasonable doubt the extent of the work carried out by government and the contractor. In the meantime the board recommends that action be taken as per 1 above."*

"Fil-kaz ta' l-*area* "ta' Ciantar", kienet saret dik ir-riserva peress li lill-kumitat kien irrizultalu li partijiet mit-toroq fl-inhawi ma kienux saru mill-attur, izda min-nies u haddiema tal-Gvern. Ghalhekk, il-kumitat ried aktar zmien biex jivverifika t-talba ta' l-attur ghal dak li tirrigwardja dik l-*area.*

"Il-*file* relattiv, pero`, ma baqax jigi processat, peress li meta gie f'idejn il-Ministru responsabbli ta' dak iz-zmien, dan ma accettax dik ir-rikomandazzjoni, u ddecieda li ebda hlas ulterjuri ma kellu jinghata lill-attur. Il-Ministru koncernat ha din il-pozizzjoni a bazi ta' tlett konsiderazzjonijiet: (a) li ma kienx hemm dokument li juri li l-attur inghata x-xoghol; (b) irrizulta li parti mix-xoghol sar minn haddiema tal-Gvern; u (c) l-attur ma pproduciex ircevuti jew *delivery notes* li jindikaw li hu kien xtara l-qatran (li dak iz-zmien kien jigi impurtat biss mill-Gvern). A bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Ministru rrifjuta li jawtorizza l-hlas lill-attur, li da parti tieghu, ressaq din il-kawza ghax ghadu jinsisti li l-hlas hu dovut lilu.

"Tajjeb li jigi ccarat li ghalkemm il-kumitat *ad hoc* imwaqqaf mill-Gvern kellu l-funzjoni, fi kliem is-Sur Carmelo Portelli, allura Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Ambjent, "biex jezamina t-talbiet li kien hemm dwar hlasijiet ghal xoghol li kien sar jew li kien intqal li sar, biex huma japprovaw il-pagamenti", il-kaz in kwistjoni kien kaz specjali peress li, kif inghad, ir-*requisition* ta' l-attur ghal dawn it-tlett bicciet xoghol, kienu gew "*mislaid*" (kelma uzata mill-Perit Cassar), u kif spjega l-Perit Mizzi, li kien ic-*Chairman* tal-kumitat, minhabba l-procedura taghhom, meta talba ma tkunx akkumpanjata bid-dokument tar-requisition ghax-xoghol, il-kumitat ma setax japprova hlas, anke jekk ikun konvint li jkun dovut, izda seta' biss jirrikmanda hlas lill-Ministru, li f'idejh kienet id-decizjoni finali.

“Minn analizi tal-provi, din il-Qorti, bhal kumitat *ad hoc* mahtur mill-Gvern, hija konvinta li l-attur kien fil-fatt, inghata *direct order*, tramite il-kumpanija *Land Sea Civil Engineering Compamy Ltd.*, biex jaghmel xoghol ta’ *levelling and asphalting* tat-toroq fl-*areas* ta’ “ta’ Ciantar”, “ta’ Lonz”, u “ta’ Zwieqi”. Dan gie konfermat b’mod kategoriku mill-Perit Charles Cassar, il-persuna inkarigata minn din l-iskema, li accerta lill-Qorti li dawk ix-xogholijiet ordnhom hu. Il-fatt li r-*requsition* jew *quotation* ma nstabitx, u din ma gietx iffirmata mill-Prim Ministru, ma jfissirx li x-xoghol ma giex ordnat mill-awtoritajiet kompetenti. Individwu li jidhol f’kuntratt mal-Gvern, m’ghandux jigi ppregudikat ghax il-*file* tieghu fil-Gvern gie *“mislaid*”. Id-dokumenti relattivi ma jkunux f’idejn il-kuntrattur, izda f’idejn il-kumpanija *Lan*d *Sea Civil Engineering Company Ltd.* u l-awtoritajiet tal-Gvern. Kif spjega l-Perit Cassar, suppost ikun hemm *file* ghal kull *quotation*, izda fil-kaz tat-tlett bicciet xoghol in kwistjoni, l-*quotation* ma nstabitx. Lanqas ma tista’ ssir ricerka issa ghax, kif xehed Edward Coleiro, *Chairman* tal-kumpanija *Land Sea Civil Engineering Company Ltd.*, wara l-1987, f’hin minnhom, il-kumpanija giet fizikament zgumbrata mill-*premises* li kellha fil-Marsa u r-*records* u l-*files* kollha tal-kumpanija haduhom nies tal-Gvern,  tefawhom bl-addocc f’kamra zdingata f’Ras il-Hanzir, il-*files* gew sparpaljati u lanqas m’hu cert li, fil-fatt, gew traslokati kollha jew le.

“Quddiem din it-traskruragni ta’ l-awtoritajiet Governattivi, m’ghandux ibati c-cittadin. L-ewwel il-*quotations* tieghu gew “*mislaid”*, u wara l-*files* kollha in kwistjoni ma’ din l-iskema, gew mitfugha kollha ma’ l-art, ma’ hafna ghamara mkissra, go “shed” antika kollha mbarazz u mkissra”. Il-punt jibqa’ li, mix-xhieda li ta l-Perit Cassar (korroborata sa certu punt, bid-dispozizzjoni li ta l-Prim Ministru ta’ dak iz-zmien), jirrizulta car li l-attur inghata l-ordni biex iwettaq ix-xoghol ta’ toroq fit-tlett inhawi in kwistjoni.

“Jirrizulta wkoll li x-xoghol sar. Anke hawn il-Perit Cassar ikkonferma li x-xoghol sar fl-entita’ kollu tieghu, u gie ezaminat u mkejjel mis-*surveyors* tal-Gvern. Il-membri tal-kumitat *ad hoc* mahtur mill-Gvern ukoll ikkonfermaw li

huma, personalment, marru jivverifikaw ix-xoghol, u sabu li x-xoghol sar, kien jidher xoghol gdid di ricenti, u li l-istil tal-“*workmanship”* kien, bejn wiehed u iehor, l-istess. Eventwalment, wara indagini ulterjuri mill-kumitat, irrizulta li haddiema tal-Gvern kienu hadmu fuq partijiet tat-toroq fl-*area* “ta’ Ciantar”, izda mhux fuq l-*areas* l-ohra maghrufa bhala “ta’ Lonz” u “ta’ Zwieqi”. B’hekk, il-konkluzjoni logika hi li x-xoghol fl-*areas* “ta’ Lonz’ u “ta’ Zwieqi”, li gie verifikat li sar ricenti u ma sarx minn haddiema tal-Gvern, sar kollu mill-attur li, kif gie kkonfermat, inghata l-appalt ta’ toroq f’dawk l-istess inhawi. Dan ix-xoghol kien gie wkoll ikkontrollat u imkejjel mis-*surveyors* tal-Gvern u l-kejl li ttiehed, kif ukoll il-hlas relattiv ghal dak il-kejl, gie ikkonfermat mis-*surveyor* koncernat. Dan is-*surveyor* ikkonferma li huwa ntbaghat johrog il-kejl mill-“Bord li kien hemm apposta”, u kkonferma d-dokumenti li hu hejja wara li kien mar *on site.*

“A bazi ta’ dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti hi konvinta li, almenu ghal dak li jikkoncerna x-xoghol li sar fl-*areas* maghrufa bhala “ta’ Lonz” u “ta’ Zwieqi”, l-attur ghandu jithallas, u din il-Qorti tikkondividi r-rakkomandazzjoni tal-kumitat *ad hoc* li l-hlas ghandu jkun ta’ LM49,687.41 ghax-xoghol inwettaq fl-*area* “ta’ Lonz” u ta’ LM17,481.68 ghax-xoghol imwettaq fl-*area* “ta’ Zwieqi”.

“Ghar-rigward ta’ l-argument tal-konvenut li hlas m’ghandux isir la m’hemmx *quotation*, il-Perit Cassar spjega li kien hemm kaz identiku bhal dak ta’ l-attur fejn ukoll il-*quotation* giet “*mislaid”* u ma kienetx lahqet giet iffirmata mill-Prim Ministru, izda wara li gie ivverifikat li x-xoghol sar, il-hlas kien gie effettwat mill-Gvern; dan kien kaz ta’ bini ta’ *fire-station* ghall-Pulizija t’Ghawdex.

“Oltre dan, kif qalet l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza “Mercieca vs Laferla”, deciza fil-21 ta’ Jannar, 1994, a bazi tal-principju li “*omni labor optat proemium*”, kull xoghol li jsir, anke jekk isir b’mod illegali u minghajr licenzji, irid jithallas, jekk dak li jkun ikun ha gwadan minn dak ix-xoghol. F’dan il-kaz ix-xoghol gie ordnat, u l-awtoritajiet hadu gwadan minnu (ma giex allegat li x-

xoghol sar hazin jew mhux skond l-arti u s-sengha) u, kwindi, irid jithallas.

"L-argument dwar il-qatran ma tantx huwa konvincenti, ghax il-kuntrattur jista' jixtri l-materjal minghand socjeta' privata, u mhux bilfors li jixtrieh direttament minghand il-Gvern. F'dan il-kaz, l-attur, fil-att, ipproduca d-*delivery notes* li jindikaw li hu kien xtara l-qatran ghall-progetti meritu ta' din il-kawza. Fuq kollox ma jistax jigi eskluz li x-xiri tal-qatran kien isir *tramite* il-kumpanija *Land Sea Civil Engineering Company Ltd.*, li kienet tidderigi x-xoghol, u bil-mod kif il-Gvern stess ittratta d-dokumenti ta' din il-kumpanija kif intwera aktar qabel, mhux eskluz lanqas li d-dokumenti relattivi ma nstabux.

"Fuq kollox ukoll, qatt, fil-passat, ma jidher li kienet tinqala' il-htiega li dak li jkun juri l-ircevuti tal-qatran, u dan ma kienx jidher li kien jintuza bhala fattur biex jigi determinat il-*quantum* tal-hlas, u kwindi, m'ghandhiex tigi imposta kundizzjoni gdida u partikolari fuq l-attur. Il-hlas kien jigi determinat skond il-kejl u kriterji ohra stabbiliti, u darba kien jirrizulta li x-xoghol sar, il-hlas kien isir, indipendentement kif u minn fejn kien jingieb il-materjal. F'dan il-kaz, kif inghad, ix-xoghol sar, u rrizulta li, ta' lanqas fl-areas "ta' Lonz" u "ta' Zwieqi", sar mill-atttur, u kwindi l-hlas skond il-kriterji stabbiliti, ghandu jsir.

"Ghar-rigward tax-xoghol li sar fuq it-toroq fl-*area* "ta' Ciantar", jirrizulta li parti mill-asfaltar sar minn haddiema tal-Gvern u mhux mill-attur; ix-xoghol ta' twessiegh tat-triq sar mill-attur, izda parti mill-asfaltar sar minn haddiema tal-Gvern. Ghal dan ix-xoghol, l-attur jammetti li l-hlas mhux dovut lilu. Ix-xoghol kollu, inkluz dak li sar minn haddiema tal-Gvern, li sar f'dawn l-inhawi, inghata valur ta' LM55,462.62; ix-xoghol ta' l-asfaltar li hu parti minn dan il-kont huwa ta' LM28,219. Il-partijiet ma ressqux provi cari dwar kemm mix-xoghol ta' l-asfaltar sar mill-attur u kemm mill-Gvern; lanqas l-uficcjali tal-Gvern stess, il-Perit Carmelo Cassar u Joseph Magro, ma qabblu bejniethom dwar il-valur tax-xoghol li sar mill-haddiema tal-Gvern. L-attur innifsu wkoll ma setax ikun preciz. Il-Qorti, wara li qieset id-diversi veduti u c-cirkostanzi tal-

kaz, fin-nuqqas ta' indikazzjoni preciza minn xi parti jew ohra, sejra tipprocedi *arbitrio et boni viri* u tqies li terz tax-xoghol ta' l-asfaltar sar, fil-fatt, min-nies tal-Gvern. B'hekk mis-somma ta' LM28,219 moghtija lill-attur ghall-asfaltar ta' l-art "ta' Ciantar", ghandha titnaqqas is-somma ta' LM9,406, rapprezentanti l-valur tax-xoghol imwettaq mill-Gvern fuq l-istess art.

"Ghar-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, dik ta' hames snin a bazi ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, jirrizulta bhala fatt li x-xoghol tlesta fl-1987, u l-Ittra Ufficjali giet ipprezentata fit-18 ta' Novembru, 1993, aktar minn hames snin wara li tlesta x-xoghol. Mill-provi jirrizulta, pero`, li l-Gvern qatt ma cahad li ghandu jhallas anzi holoq kumitat *ad hoc* biex jezamina l-applikazzjonijiet li jsiru ghall-hlas. Il-pozizzjoni tal-Gvern ma kienetx li hu jichad li hu debitur, izda li jhallas jekk il-pretensjoni tirrizulta ppruvata. Attitudni bhal din dejjem kienet meqjusa, mill-gurisprudenza taghna, bhala li sservi biex tinterrompi l-preskrizzjoni. Fil-kawza "Duca vs Galea", deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' April, 1961, intqal li min jiddikjara illi ma jafx bl-ezistenza ta' dejn li jintalab kontra tieghu imma fl-istess hin ighid illi jekk issir il-prova relattiva, huwa jhallas, jigi li jinterrompi l-preskrizzjoni jew jirrinunzja ghaliha. Hekk wkoll l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "*Medcast Foundary Ltd* vs Azzopardi", deciza fis-27 ta' Marzu, 2003, osservat li meta d-debitur juri ruhu disponibbli u pront li tigi saldata kull pendenza li seta' kien hemm bejnu u l-kreditur, ikun hemm tassew interruzzjoni tal-preskrizzjoni (ara wkoll is-sentenzi riportati fil-Kollez. Vol XIV.169, Vol.XXXVI.I.641 u XXXVI.II.13). F'dan il-kaz, il-pozizzjoni tal-Gvern dejjem kienet li hu jhallas jekk l-attur jiggustifika t-talba tieghu, u din l-attitudni twassal ghall-interruzzjoni jew jirrinunzja ghall-preskrizzjoni.

"L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghandha, ghalhekk, tigi michuda.

"B'hekk l-attur ghandu jiehu s-somma ta' LM46,056 ghax-xoghol li ghamel fuq l-art "ta' Ciantar", LM49,687 ghax-xoghol li ghamel fuq l-art "ta' Lonz", u LM17,481 ghax-

xoghol li ghamel fuq l-art "ta' Zwieqi". B'kollox, mela, l-attur ghandu jiehu s-somma ta' LM113,224.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' LM113,224 (mija u tlettax-il elf, mitejn u erba' u ghoxrin liri Maltin) ghas-saldu tal-hlas dovut lilu ghax-xoghol minnu imwettaq fuq l-artijiet "ta' Ciantar", "ta' Lonz", u "ta' Zwieqi", liema somma trid tithallas bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Novembru, 1993, sal-pagament effettiv.

"L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jithallsu kwantu ghall-kwint ($^{1}/_{5}$) mill-attur, u erba' kwinti ($^{4}/_{5}$) mill-konvenuti."

**IR-RIKORS TA' L-APPELL TAL-KONVENUTI**

2. Il-konvenuti hassewhom aggravati bis-sentenza tal-Qorti ta' Prim Istanza u interponew dan l-appell biex din il-Qorti, filwaqt li thalli impregudikata dik il-parti fejn l-atturi gew ikkundannati jhallsu kwint mill-ispejjez tal-kawza, thassar u "tirrevoka l-kumplament tas-sentenza billi tichad it-talbiet kollha ta' l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom."

**IR-RISPOSTA TA' L-ATTURI KONJUGI FENECH**

3. L-atturi appellati, min-naha taghhom, wiegbu ghad-diversi aggravji sollevati mill-atturi b'argumenti kuntrarji u dan biex juru li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u timmerita konferma, u ghalhekk l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti.

**IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. L-aggravji ta' l-appellanti jistghu jigu sintetizzati hekk:-

i) "il-fatt wahdu illi ngiebet prova verbali illi l-attur kien inghata xoghol minghajr sejha ghall-offerti bhala azzjonist fil-kumpannija Land Sea (sic) qatt ma jista' jiddispensa lill-attur milli jzomm il-prova dokumentarja tax-xoghol jew milli jaghti spjegazzjonijiet dwar kif twettaq. L-assenza ta' dik il-prova mhux talli tiggustifika lill-Gvern illi ma jhallasx izda

talli ggib bhala konsegwenza legali id-divjet fuq il-Gvern li jhallas.”;

ii) Il-Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet illi l-Gvern kien wera ruhu lest li “jhallas jekk il-pretensjoni tirrizulta ppruvata” u ghalhekk it-talba attrici hija preskritta;

iii) Sussidjarjament u bla pregudizzju, l-appellanti jissottomettu li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta akkordat l-imghax mid-data ta’ l-ittra ufficjali meta fil-fatt it-talba fic-citazzjoni kienet ghal ammont *da liquidarsi* u meta l-atturi stess ma talbux l-imghax fic-citazzjoni.

5.1. Qabel ma jigu trattati dawn l-aggravji din il-Qorti sejra fil-qosor tezamina l-fatti li taw lok ghall-vertenza odjerna. Minn qari tal-bosta deposizzjonijiet fil-process irrizulta li fl-1986, il-Gvern kellu diversi progetti ta’ toroq f’diversi inhawi f’Malta u Ghawdex li kienu qed jigu approvati direttament mill-Ufficcju tal-Prim Ministru, u li inizjalment il-Gvern kien qed jaghti dan ix-xoghol lil kuntratturi individwali taht is-sorveljanza tal-Periti u s-“surveyors” tal-Gvern. Dawn il-kuntratturi kienu jithallsu mit-Tezor. Eventwalment, il-Gvern kien gabar dawn il-kuntratturi f’zewg kumpanniji jigifieri l-General Construction Co. Ltd. u l-ohra Land Sea Civil Engineering Company Limited. Iz-zewg kumpaniji kienu mmexxija minn Chairman appuntat mill-Gvern biex jaghmlu xoghol imsejjah straordinarju u jipprovdu aktar impjiegi, anke lill-haddiema tad-Dejma. Il-Land Sea Civil Engineering Company Limited, li kienet komposta minn diversi kuntratturi bhala azzjonisti, fosthom l-attur Francis Fenech, kellha bhala *chairman* lill-Perit Charles Cassar. Ix-xogholijiet li kellhom isiru kienu jigu indikati mill-Periti tal-Gvern u mbaghad f’laqgha li kienet tinzamm fl-ufficcji tal-kumpanija fil-Marsa, il-Perit Cassar kien jiddelega x-xoghol li l-kumpanija tkun giet moghtija b’*direct order* mill-Gvern, lil kuntratturi partikolari. Irrizulta inoltre li peress li l-attur kien mill-inhawi taz-Zejtun kien jinghata appalti f’dawk l-inhawi.

5.2. Wara li l-kuntrattur kien jigi moghti bicca xoghol huwa kien jipprezenta stima preventiva tax-xoghol previst lill-kumpanija, b’indikazzjoni tan-numru ta’ nies mill-Korp

tad-Dejma li kien se jutilizza ghal dak il-progett. Il-Perit Charles Cassar kien imbaghad jghaddi dawn il-kwotazzjonijiet, flimkien mal-lista tax-xogholijiet lill-Prim Ministru ghall-approvazzjoni tieghu. Skond il-Perit Cassar, fil-kors tax-xoghol il-kuntrattur kien jithallas *interim payments*. Imbaghad, wara li l-kuntrattur ilesti x-xoghol kien iressaq talba ghal hlas lis-socjeta`, li maghha huwa kellu relazzjoni, u din in segwitu tghaddi t-talba lid-Dipartiment. Id-Dipartiment ta’ l-Ambjent kien jibghat is-“surveyors” tieghu fuq il-post u dawn filwaqt li jaraw li x-xoghol kien sar, ikejlu x-xoghol imwettaq. Il-kejl kien imbaghad jigi moghti lill-kuntrattur li kien jikkalkola l-hlas dovut lilu u jipprezenta l-kont lill-Bord mill-Finanzi appuntat mill-Gvern bl-iskop li jaghmel debita verifika dwar il-hlas mitlub. Il-Perit William Micallef kien fil-fatt inkarigat jaghmel din il-verifika, u jirrizulta li bosta drabi dan kien inaqqas l-ammont mitlub u japprova l-hlas dovut ghal dik il-bicca xoghol. Din l-approvazzjoni kienet imbaghad tmur il-Public Works, li kienu jaghadduha lit-Tezor li kien johrog *payment voucher* favur il-kumpanija Land Sea Civil Engineering Co. Ltd., b’indikazzjoni ta’ min kien esegwixxa x-xoghol. Il-kumpanija kienet izzomm parti minn dan il-hlas ghaliha u tghaddi l-bilanc lill-kuntrattur li jkun esegwixxa x-xoghol, fl-ufficcju taghha fil-Marsa. Dan baqa’ jsehh sa l-Elezzjoni Generali tal-1987, ghaliex kif inbiddlet l-amministrazzjoni saru arrangamenti godda.

5.3. Wara l-Elezzjoni Generali tal-1987, il-Gvern ta’ dak iz-zmien iddecieda li jtemm il-procedura ta’ ghoti ta’ *direct orders* lil dawn il-kumpaniji ta’ kuntratturi. Gie eliminat l-involviment tal-kumpaniji u l-Gvern dahal fi ftehim dirett mal-kuntratturi sabiex il-hlas isir direttament lilhom, wara li jkun tkejjel ix-xoghol maghmul mis-“surveyors” tal-Gvern. Il-Gvern inoltre talab lill-kuntratturi jiffirmaw ftehim fejn dawn dahlu garanti tax-xoghol taghhom u ddikjaraw illi x-xoghol sar skond l-istima u r-ratifika mill-*Special Adjudicating Board*.

5.4. Peress li kien hemm xoghol li kien gie moghti <u>qabel</u> l-elezzjoni tal-1987, u li kien ghadu sejjer jew ghalkemm kien lest ma kienx ghadu gie mhallas, il-Gvern appunta Bord *ad hoc*, kompost minn tlett ufficjali governattivi,

sabiex jinvestiga talbiet ghall-hlas ghal xoghol imwettaq minn kuntratturi diversi, fuq *direct orders* mill-Gvern fis-snin 1986/87. Il-Bord kien kompost mill-Perit Joseph Mizzi, u s-Sur Joseph V. Spiteri u mis-Sur Joseph Montesin. Il-Bord kellu jivverifka jekk fil-fatt ix-xoghol li dwaru tkun qed issir talba kienx sar, jekk dan kienx gie awtorizzat mill-Gvern u wara li jsir il-kejl mill-ufficjali governattivi, japprova l-hlas direttament lill-kuntrattur.

5.5. Fl-1990 l-attur ressaq talba ghal hlas quddiem il-Bord dwar hames bicciet ta' xoghol fl-inhawi 'tal-Foss' u 'Tas-Silg' it-tnejn gewwa Marsaxlokk; u f' 'Ta' Ciantar', 'Ta' Zwiegi' (u mhux ta' Zwieqi – ara Dok S a fol 59) u 'Ta' Lonz' gewwa Marsaskala. Il-Bord laqa' t-talbiet tieghu relattivament u limitament ghax-xoghol li hu wettaq f'Marsaxlokk u l-attur thallas biss fir-rigward ta' dan ix-xoghol. Jidher li t-talbiet ghall-hlas fir-rigward tat-tliet bicciet xoghol f' 'Ta' Ciantar', f' 'Ta' Zwiegi' u f' 'Ta' Lonz' ma gewx milqugha ghaliex il-*bill of quantities* dwar ix-xoghol ta' l-attur ma nstabx u x-xoghol ma kienx inkluz fil-listi ffirmati mill-Prim Ministru ta' dak iz-zmien. Ghalhekk il-Bord *ad hoc* ma riedx jirrakkomanda hlas meta ma nstabux dokumenti ufficjali li juru li x-xoghol kien gie ordnat mill-awtoritajiet governattivi. Fi kliem l-istess Perit Mizzi, din ma kenitx kwistjoni ta' jekk kienx sar ix-xoghol, izda kienet problema ta' procedura stante li kien hemm bzonn l-approvazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi, u l-Bord ma setax jitlob din l-awtorizazzjoni ghaliex ma nstabx l-"approval" tax-xoghol reklamat.

5.6. Jirrizulta izda, li l-Bord baqa' jaghmel investigazzjonijiet dwar il-kaz ta' l-attur fuq insistenza ta' l-istess attur, li anke pprezenta dikjarazzjoni mill-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, fis-sens li hu kien inghata appalti fl-inhawi u gab xhieda ohra. Il-Bord kien anke mar jara x-xogholijiet li allegatament saru mill-attur, flimkien mal-Perit Cassar li kkonferma li hu kien qabbad lill-attur jezegwixxi x-xoghol *de quo*. Ix-xoghol gie wkoll imkejjel minn Frank Calleja, *Chief Quantity Surveyor* mal-Gvern. Imbaghad, f'Ottubru 1993 il-Bord, kif korrettement irrilevat l-ewwel Qorti, kien kiteb lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Ambjent, Carmelo Portelli, is-segwenti minuta –

“the board is (recte: has) therefore arrived at the following two definite conclusions –

“1) the amount of sixty-seven, one six nine (Lm 67,169) due to Mr. Fenech in respect of the farm roads “ta’ Lonz” and “ta’ Zwiegi” may now be settled

“2) the question concerning “Ta’ Ciantar farm roads” should be examined further because found evidence to the effect that the style of workmanship particularly to the construction of the retaining walls was identical to the rest. The board is therefore postponing its decision on this farm road pending an other on sight investigation in the presence of District Officer Magro to establish beyond in a (sic) reasonable doubt the extent of the work carried out by government and the contractor. In the meantime the board recommends that action be taken as per 1 above.[1]”

Il-Perit Mizzi kkonferma li din il-minuta saret bl-iskop li tali decizjoni tigi kkunsiderata f’livell ministerjali. Il-Ministru izda rrifjuta li jhallas u l-attur istitwixxa l-azzjoni odjerna.

6.1. Dan stabbilit, din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tghaddi sabiex tezamina l-lanjanza ta’ l-appellanti dwar il-preskrizzjoni estintiva ai termini ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, peress li jekk din tirrizulta gustifikata twassal ghac-cahda tat-talbiet kontenuti fic-citazzjoni.

6.2. Skond l-appellanti, il-Qorti ta’ l-ewwel grad kienet zbaljata meta kkonkludiet illi t-talba attrici ma kenitx preskritta ghaliex il-Gvern kien wera ruhu lest li jhallas jekk il-pretensjoni tirrizulta ppruvata. Jissottomettu li l-Gvern wera ruhu lest li jhallas biss *ex gratia*, u ghalhekk ma seta’ qatt jassumi l-vesti ta’ debitur veru u proprju, u dan biss jekk issir il-prova dokumentarja mehtiega. Ladarba din il-prova ma ngiebitx ghax ma ngiebux id-dokument necessarju ma jistax jitqies – din hi t-tezi ta’ l-appellanti – li l-Gvern assuma xi obbligu u wisq inqas li rrikonoxxa li hu debitur lejn l-atturi.

---

[1] (ara fol. 208)

6.3. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, hija tal-fehma li t-talba attrici m'hijiex preskritta ghaliex jirrizulta li kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni fl-1990 meta l-attur ipprezenta t-talba tieghu ghall-hlas quddiem il-Bord u dan beda jikkunsidraha. Huwa veru li l-istess attur ikkonferma li x-xoghol *de quo* gie kompletat fl-1987, u li l-ittra ufficjali giet ipprezentata f'Novembru tal-1993 - aktar minn hames (5) snin wara li tlesta x-xoghol in kontestazzjoni. Izda kif sewwa spjegat il-Qorti ta' l-ewwel grad, wara l-bidla ta' l-amministrazzjoni tal-Gvern fl-1987 kien gie appuntat Bord *ad hoc* proprju sabiex dan jinvestiga u jara jekk kienux dovuti xi hlasijiet lill-kuntratturi li kienu tqabbdu jwettqu xogholijiet hekk imsejha straordinarji b'*direct order* mill-Gvern ta' dak iz-zmien tramite l-kumpanija. Fi kliem is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Ambjent is-Sur Carmelo Portelli, il-Bord gie appuntat mill-Gvern "biex jezamina t-talbiet li kien hemm rigward il-hlasijiet ghal xoghol li kien sar jew li kien intqal li sar, biex huma japprovaw il-pagamenti". Dan l-atteggament jindika li l-Gvern kien lest li jhallas jekk il-pretensjoni tal-kuntrattur tirrizulta gustifikata quddiem il-Bord, u issa l-appellanti ma jistghux jinhbew wara l-argument li l-attur kellu relazzjoni mal-Kumpanija u li l-Gvern kien qed ihallas biss *ex gratia* u ghalhekk ma jistax jassumi l-vesti tad-debitur proprju. Wara kollox, fi kliem il-Perit Michael Falzon, il-Ministru responsabbli fl-1987, l-*ad hoc* Bord gie appuntat ghaliex il-Kumpanija kienet biss paraventu, '*an administrative set up'* li kienet giet ikkrejata biss sabiex il-kuntratturi setghu jinhbew warajha u jevitaw ir-regoli ta' kif kellhom jinghataw il-kuntratti[2].

Kif korrettement irrilevat l-ewwel Qorti din l-attitudni tal-Gvern kienet tammonta ghal interruzzjoni tal-preskrizzjoni, jew ghal rinunzja ghall-istess preskrizzjoni jekk din tkun diga` giet kompjuta, ghaliex tindika li l-Gvern ma kienx kuntrarju li jhallas, jekk wara l-verifiki li jsiru jirrizulta li l-kuntrattur kien tassew ghamel ix-xoghol li jallega li ghamel. Din l-attitudni mhix konsistenti ma' l-eccezzjoni

[2] Fol. 284

tal-preskrizzjoni[3]. Jibqa' dejjem necessarju li l-kuntrattur jipprova li huwa ghamel ix-xoghol u li ghalhekk hemm debitu, izda f'kaz li din il-prova ssir, l-ammont dovut ghandu jithallas ghax il-preskrizzjoni giet eliminata. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud peress li rrizulta infondat.

7.1. Dan stabbilit, din il-Qorti sejra tghaddi sabiex titratta z-zewg aggravji l-ohra ta' l-appellanti. L-ewwel aggravju tal-konvenuti, appellanti odjerni, kien fis-sens li l-Qorti ma setghetx tobbliga lill-Gvern ihallas lill-attur meta l-attur ma kienx ipproduca d-dokumenti necessarji intizi ghal skopijiet ta' verifika. Fil-fehma ta' l-appellanti, il-gustifikazzjoni ta' l-ewwel Qorti li "il-fatt li r-*requisiton order* jew *quotation* ma nstabitx, u din ma gietx iffirmata mill-Prim Ministru, ma jfissirx li x-xoghol ma giex ordnat mill-awtoritajiet kompetenti" hija mankanti, stante li ladarda l-Qorti kienet stabbilit illi s-sistema ta' l-ghoti ta' appalti pubblici adoperat dak iz-zmien kien wiehed li jhalli tracci ta' dokumenti f'idejn il-kuntrattur, hija kellha tesigi li tara din id-dokumentazzjoni qabel ma tikkonkludi li l-attur kien inghata *direct order*, u mhux toqghod fuq xhieda verbali, li certament ma kenitx l-ahjar prova li setghet tingieb dwar l-esistenza o meno ta' l-allegat appalt.

Jissottomettu li fil-kaz odjern il-Gvern kien assuma l-obbligu li jhallas lis-sub-appaltaturi tal-Land Sea Civil Engineering Company Limited biss jekk dawn setghu jippruvaw, permezz ta' dokumenti, li huma kienu hadu u esegwew tassew il-kuntratti u ghalhekk il-Qorti ma setghetx tordna lill-Gvern jassumi obbligu ta' hlas minghajr dokumenti, obbligi li huma oltre dak li l-Gvern kien volontarjament dispost li jassumi u li seta' jassumi fil-limiti tar-regolamentazzjoni ta' infieq ta' flus pubblici. Ladarba l-appalt pubbliku hu assoggettat mil-ligi ghal certi proceduri, tali procedura ghandha tigi segwita u n-nuqqas ta' l-osservanza taghha, anke jekk isir ix-xoghol igib in-nuqqas ta' hlas mill-fondi pubblici.

---

[3] Ara decizjonijiet – Demarco v. Zammit – Appell deciz 11/6/1943 - Vol XXXI.I.641; Duca v. Galea deciz 21 ta' April 1961; Casha et v. Micallef - Appell deciz 5 ta' Novembru 1956; Giuseppe Mifsud v. Salv. Mifsud et PA 13 ta' Frar 1941

Skond l-appellanti l-Qorti accettat illi n-nuqqas ta' dokumentazzjoni kien rizultat tat-traskuragni ta' l-awtoritajiet pubblici li ma kienux sabu l-"file" in kwistjoni, meta rrizulta li s-sistema ta' dak iz-zmien kellha thalli dokumenti mhux biss f'idejn l-awtoritajiet izda anke f'idejn il-kuntrattur. Fil-kaz odjern, peress li kien hemm nuqqas ta' provi u l-kuntrattur ma pprezentax dokumentazzjoni, qamu d-dubji serji dwar jekk l-attur wettaqx ix-xoghol u x-xiehda tal-Perit Charles Cassar, fis-sens li l-Gvern kien hallas fil-kaz ta' bini ta' "fire station" f'Ghawdex meta ma kienx hemm dokumentazzjoni, hija rrelevanti stante li dan ix-xoghol jippresta ruhu aktar facilment ghall-verifika. Fi kwalunkwe kaz il-gusitifikazzjoni migjuba mill-Qorti u cioe` *omnia labor optat proemium* m'hijiex applikabbli meta jkun hemm dubju sarx ix-xoghol jew le.

Il-Qorti ta' l-ewwel grad messha esigiet – dejjem skond l-appellanti – prova konvincenti u talbet spjegazzjoni dwar in-nuqqas ta' l-attur li jipproduci d-dokumenti relattivi ghax-xiri tal-qatran, u mhux qaghdet fuq dak li seta' gara u fuq "x'ma jistax jigi eskluz", aktar u aktar meta kkonstatat illi parti mill-asfaltar li sar fiz-zona "Ta' Ciantar" sar mill-haddiema tal-Gvern. Di piu`, il-Qorti kienet skorretta meta interpretat ir-rikjesta tal-Gvern li l-attur jipprova illi hu xtara l-qatran biex kesa dawn it-toroq bhala kundizzjoni gdida "ex post facto" da parti tal-Gvern.

Finalment jirreferu ghall-*General Financial Regulations* tal-1966 li kienu fis-sehh fiz-zmien relevanti, li kienu jirrikjedu tali formalitajiet, u jghidu li ghalkemm il-Ministru ghandu l-poter li jidderoga mill-obbligi tal-hrug ta' "tenders", ma jistax jiddispensa lill-kuntrattur li jkun inghata *direct order* milli jzomm id-dokumentazzjoni necessarja sabiex jipprova li x-xoghol kien inghatalu u li hu fil-fatt ghamel dan ix-xoghol u lanqas li jordna hlasijiet mhux gustifikati mill-provi.

7.2. Fl-ewwel lok, din il-Qorti terga' tirribadixxi illi hija prassi ormai stabbilita li fin-nuqqas ta' provi jew cirkostanzi li juru li jezistu ragunijiet serji u gravi bizzejjed li jiddettaw mod iehor, il-Qorti tat-tieni grad kemm jista' jkun ma tiddisturbax l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-

provi li jkun sar mill-ewwel Qorti stante li din tkun tinsab fl-ahjar qaghda li tisma', tikkontrolla u tevalwa l-provi u x-xiehda prodotti u mismugha minnha. L-istess jinghad dwar materja ta' relevanza jew superfluwita` ta' xiehda. Tali varjazzjoni ssir biss jekk l-appellant, ghaliex fuqu tinkombi l-prova, jissodisfaha li hemm ragunijiet validi bizzejjed li jitfghu dubju ragonevoli fuq il-gustizzja ta' l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ingustizzja manifesta[4].

7.3. Jehtieg qabel xejn illi jsiru certu osservazzjonijiet incidentali fuq il-principji regolaturi dwar il-prova –
i) In generali, u dan ighodd kemm ghall-attur kif ukoll ghall-konvenut, min jallega jrid jipprova. Tali prova trid tkun wahda adegwata, u fuq kollox konvincenti[5].

ii) Hu obbligu tal-parti li ggib l-ahjar prova in sostenn tal-pretensjoni taghha quddiem il-gudikant, tant li jekk dan ma jsirx l-artikolu 559 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili jorbot lill-Qorti biex tordna hija stess il-produzzjoni ta' l-ahjar prova. Dan izda ma jfissirx li ghandu jigi pprezentat bilfors dokument iskritt. Gie infatti ritenut illi ghall-prova tal-pagament m'hijiex indispensabbli l-prova iskritta jew il-produzzjoni ta' ricevuta, u hu bizzejjed li l-hlas jigi ppruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz kif emergenti mill-provi processwali[6]. Inotre, gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Iris Dalmas v. Mons J. Dalmas et**[7] li "meta ma tistax issir il-prova solita, u meta jkun hemm cirkostanzi partikulari u specjali li jistghu jispjegaw ghaliex ma tistax issir, hu dmir tal-gudikant li jirricerka provi ohra li jissodisfawh…. Fatt jista' jigi pprovat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri kemm bi provi diretti, bhal

---

[4] Paul Formosa v. Salvu Debono - Appell Superjuri – 5 ta' Ottubru 2001; Seguna et v. Mallia F. – Appell Superjuri 27 ta' April 2001
[5] Alf. Mizzi & Sons (Marketing ) Ltd v. P. Genovese et – Appell Inferjuri – 1 ta' Novembru 2006
[6] Av. Dr. John Buttigieg noe v. Joseph Portelli pro et noe – Appell Kummercjali – 26 ta' Jannar 1976; John Cini v. Rita Cini – Appell Kummercjali – 28 ta' Lulju 1982
[7] 12 ta' Jannar 2005

dokumenti (Artikolu 627 *et seq*., Kapitolu 12) u xhieda (Artikolu 563 *et seq*., Kapitolu 12), kif ukoll bi provi indiretti bhalma huma l-prezunzjonijiet (Artikoli 1234 u 1235, Kodici Civili) u l-indizji li kapaci jikkonvincu lill-gudikant." Dik il-Qorti kompliet tispjega – "Li kieku kien differentement, dan kien igib ghas-sitwazzjoni assurda illi kull darba li tkun tonqos il-prova dokumentali min hu gravat bil-piz taghha ma jkunx jista', xort'ohra, jsostni l-bazi ta' l-azzjoni jew ta' l-eccezzjoni. Invece, kif saput, l-effikacja probatorja kapaci tirrizulta b'xi mezz iehor. *Ad exemplum*, fil-kaz ta` ricevuta (ara Kollez. Vol. XLIX PTII p 776) jew ta' xi dokument introvabbli. Dan anke fejn il-ligi tezigi dawn il-provi skritti *ad probationem vel substantiam*. Anke hawn, il-produzzjoni tar-ricevuta jew tad-dokument mhix indispensabbli; anzi hu permess li tingieb prova ohra konvincenti ghall-konferma tal-ftehim u tal-pattijiet tieghu."

iii) Il-principju tal-piz tal-prova ma jfissirx illi d-dimostrazzjoni tal-fatt kostituttiv ta' dritt vantat u pretiz trid tigi rikavata minn prova wahda u dik biss. Wiehed jista' jutilizza elementi probatorji akkwiziti mill-process – ir-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti b'kull mod purke` dawn iservu ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant.

iv) Fil-kamp civili l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. Dak li hu necessarju hu jekk spjegazzjoni hix verosimili[8].

v) Fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma tant bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritiera, u ma tirrizultax xi cirkostanza determinanti li tissodisfa l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux ohra, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq il-preponderanza ta' probabbilitajiet, u ghandu jiddeciedi li l-attur ma jkunx

[8] E. Zammit v. E. Petrocochino – Appell superjuri – 25 ta' Frar 1952

sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu[9].

7.4. Applikati l-principjji suesposti ma jirrizultax li l-argument ta' l-appellanti, li ladarba l-attur ma gabx id-dokumenti li suppost baqghu f'idejh u li kienu intizi ghall-skopijiet ta' verifika, il-Qorti ma setghetx tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi, huwa korrett. Din il-Qorti ezaminat il-bosta depozizzjonijiet li jinsabu fl-atti ta' din il-kawza u hija tal-ferma konvinzjoni li l-ewwel Qorti kienet korretta fl-apprezzament u l-evalwazzjoni ta' l-istess. Kif sewwa rriteniet il-Qorti ta' Prim Istanza dan kien kaz specjali stante li mix-xiehda tal-Perit Charles Cassar, li fl-1986 kien Chairman tal-kumpanija Land Sea Civil Engineering Company Limited, il-"quotation" rigwardanti dan ix-xoghol kienet "mislaid" mill-bidu[10]. Id-dokumentazzjoni li l-attur kellu jaghmel ried jghaddiha lill-kumpanija, tant li hu stess xehed li lilu ma kienux tawh dokumentazzjoni f'idejh. Inoltre, kif sewwa rrilevat il-Qorti ta' l-ewwel grad, mill-provi rrizulta li fil-prezent mhux possibbli li ssir ricerka ghad-dokumenti koncernanti dan il-kaz li setghu kienu fil-pussess tas-socjeta`, stante li fl-1992 din kienet giet zgumbrata mill-ufficcji li kellha fil-Marsa u d-dokumentazzjoni u l-"files" gew traslokati min-nies tal-Gvern u mitfugha bl-addocc go kamra zdingata f'Ras il-Hanzir, fil-Marsa, flimkien ma' ghamara imkissra. F'dan ir-rigward, Edward Coleiro, li kien gie appuntat Chairman tal-Kumpanija wara l-Perit Cassar, u li kien anke gie mitlub informazzjoni mill-Bord u intalab jezamina r-"records" ta' l-attur xehed li ma setax jikkonferma u lanqas jeskludi li jista' jkun intilef xi "file"[11].

Inoltre, mix-xiehda jirrizulta wkoll illi l-Perit Charles Cassar, il-persuna inkarigata mit-tqassim tax-xogholijiet u li kien inkarigat li jghaddi l-listi tax-xogholijiet flimkien mad-dokumentazzjoni annessa lill-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, ikkonferma <u>kategorikament u minghajr ebda esitazzjoni</u> li x-xoghol ta' *levelling u asphalting* ta' dawn it-tlett progetti kienu gew ordnati minnu stess. Inoltre,

---

[9] J. V. Rausi v. J. Muscat – PA – 5 ta' Ottubru 1992
[10] ara fol. 136 *et seq.*
[11] fol. 153-154

xehed li hu kien mar jara xi progress kien qed isir fix-xoghol fuq dawn l-isqaqien li kienu qed jigu mwessa’ u asfaltati u kkonferma li x-xoghol kien fil-fatt sar fl-entita` kollha tieghu[12]. Dan ix-xhud spjega li kien anke kiteb din l-informazzjoni fil-“file” li kien infetah dwar il-kaz meta l-attur kien talab li jithallas. Fil-kontro-ezami kompla jelabora li fil-kaz partikolari, peress li x-xoghol kien wiehed urgenti ghaliex kienet waslet l-elezzjoni generali tal-1987, lanqas kienu saru “interim payments” lill-attur u dan ghaliex peress li ma kienx hemm il-“quotation” ma lahaqx infetah il-“file”[13], liema “file” infetah biss wara li l-attur beda jivverifika ghalfejn ma kienx thallas ta’ dan ix-xoghol. Ghalkemm ix-xhud jammetti li dawn il-“farmroads” ma kienux inkluzi fil-lista approvata mill-Prim Ministru ghaliex il-“quotation” ma nstabitx, specifika li bhal dan il-kaz kien hemm iehor f’Ghawdex u li meta gie stabbilit illi x-xoghol kien sar, il-kuntrattur thallas. L-appellanti jargumentaw li dan ma hu ta’ ebda relevanza, stante li l-bini ta’ “firestation” jippresta ruhu aktar facilment ghal verifika, izda jigi rilevat li anke xoghol fuq it-toroq ta’ certu entita` bhal dak odjern, huwa vizibbli – infatti l-membri ta’ l-*ad hoc* Bord wara li marru jaraw ix-xoghol kienu irrakkomandaw il-hlas fir-rigward tax-xoghol li sar fl-inhawi “ta’ Lonz” u “ta’ Zwiegi”. Din ix-xiehda tal-Perit Cassar tinsab ukoll korroborata mix-xiehda tal-Prim Ministru ta’ dak iz-zmien, Dottor Karmenu Mifsud Bonnici, li jinsisti li x-xogholijiet kienu ordnati mill-Periti tal-Gvern[14]. Ix-xhud spjega li bhala Prim Ministru huwa kien approva li jsiru progetti ta’ tiswijiet u titjib ta’ toroq fl-inhawi ta’ Haz-Zabbar, Zejtun, Marsaxlokk u Marsascala u elabora li fil-kaz ta’ l-attur ghalkemm il-progett kien awtorizzat minnu, ma kienx hemm id-dettalji ta’ l-estensjonijiet tax-xoghol li kellu jsir. Jghid ukoll li la l-Perit Cassar, li kien l-ufficjal inkarigat, ikkonferma li tali xoghol kien awtorizzat, sinjal li l-affarijiet kienu hekk. Ix-xhud qal li lilu kellmuh diversi drabi u hu kien dejjem iddikjara li dan ix-xoghol kien awtorizzat u li l-attur kellu jithallas ghax ix-xoghol kien tlesta. Dan apparti, l-attur ipprezenta ukoll diversi

[12] fol. 133-134, 136
[13] fol. 139
[14] fol. 258

affidavits ta' haddiema li xehdu li huma hadmu fuq il-progetti *de quo*.

7.5. Li x-xoghol effettivament sar, gie wkoll ikkonfermat mill-membri tal-Bord appuntat wara l-1987 u mis-"surveyor" mibghut minnhom sabiex jiehu l-kejl tax-xogholijiet imwettqa. Mid-depozizzjonijiet tax-xhieda rrizulta li l-membri tal-Bord kienu marru jaraw ix-xoghol, flimkien mal-Perit Charles Cassar u vverifikaw illi x-xoghol kien lest u kien jidher li sar ricentement u l-istil ta' kif sar ix-xoghol kien simili. Joseph Spiteri, li kien gie appuntat fuq il-Bord in rapprezentanza tal-Ministeru tal-Finanzi, xehed li l-Bord inizjalment kellu dubbju serju jekk ix-xoghol sarx mill-attur, izda wara li marru fuq il-post flimkien mal-Perit Cassar, il-Bord ried jaghlaq il-kaz bi ftehim jew b'negozjazzjoni mal-kuntrattur u ghadda l-"file" lill-Ministeru. Spjega li huma mexxew il-karti, bil-konferma tal-Perit, il-kejl mis-"surveyor" u r-rati, izda fil-Ministeru ta' l-Ambjent kienu qed izommu l-ipprocessar tal-"file"[15]. Il-kejl mehud u l-hlas relattiv ghal dak il-kejl gew konfermati mis-"surveyor" Dennis Schembri li inoltre xehed li x-xoghol seta' jitkejjel korrettement anke jekk ix-xoghol kien kompletat u anke meta ma kienx rah waqt li kien qed isir, stante li fil-kaz tat-toroq il-kejl isir wara li jitlesta x-xoghol[16].

7.6. Dan apparti, kuntrarjament ghal dak li jghidu l-appellanti fir-rikors ta' appell taghhom, l-ewwel Qorti ma qaghditx fuq supposizzjonijiet dwar ix-xiri tal-qatran ghall-progetti *de quo* ghaliex l-attur ipproduca *delivery notes* li jindikaw li hu kien akkwista qatran ghall-progetti in kwistjoni. F'dan ir-rigward jigi rrilevat ukoll illi l-Ministru ta' l-Ambjent ta' dak iz-zmien, il-Perit Michael Falzon, ammetta li kien possibbli li l-kuntrattur jakkwista l-qatran minghand kumpanija privata, wara li din ta' l-ahhar tkun akkwistat il-qatran minghand il-Gvern, li kien l-uniku importatur tal-qatran. Il-Perit Falzon qal li dawn id-"delivery notes" setghu solvew il-kwistjoni mqajma minnu, izda ma kienx jaf jekk il-bord kienx talab tali

[15] fol. 168 *et seq*.
[16] fol. 176 *et seq*.

dokumentazzjoni, ghalkemm assuma li l-Bord ghamel din ir-rikjesta[17].

7.7. Din il-Qorti hija tal-fehma, bhal dik ta' qabilha, li l-attur kien gie awtorizzat jaghmel ix-xogholijiet mwettqa minnu b'*direct order* tramite il-kumpanija Land Sea Civil Engineering Co. Ltd. Jirrizulta izda, kif ammess mill-istess attur, li x-xoghol fl-inhawi ta' Ciantar ma sarx kollu mill-attur. L-attur xehed li parti zghira minn dan l-appalt kien gie ezegwit mill-haddiema tal-Gvern. L-attur jispjega li parti mill-asfalt ma kienx sar minnu ghaliex wara li l-haddiema tieghu qalghu il-hitan, wessghu it-triq u wittew, il-Perit kien qalilhom biex jaqilghu kollox u jwessghu izjed it-triq. Xehed li bhala asfalt hu kien ghamel madwar 17-20 pied u l-kumplament sar mill-haddiema tal-Gvern. L-attur, izda, ghalkemm xehed li l-ammont mahdum mis-"surveyor" ghal din il-bicca xoghol, ossija Lm55,462.62c, kellu jigi ridott, ma gab ebda stima dwar l-ammont li ghandu jitnaqqas izda xehed li kien sema' l-figura ta' LM7,000. Dan hu konfermat ukoll minn Guzeppi Micallef, li kellu ghelieqi fl-inhawi, li qal li l-haddiema ta' l-attur kienu wessghu l-isqaq li jismu Sqaq Ciantar, waqqghu il-hitan tas-sejjieh u tellghu b'tal-kantun, wittew it-triq u ghamlu l-asfalt – izda parti mill-asfalt sar min-nies tal-Gvern. Il-Perit Cassar xehed li hu kien qal lill-attur jerga' jwaqqa' l-ewwel u t-tielet partijiet tat-triq *de quo* u jwessa' t-triq biex din issir kif kienet ippjanata. Il-Perit Cassar[18] spjega li wara li tlesta x-xoghol tat-twessiegh kien hemm l-elezzjoni generali u eventwalement l-asfaltar fuq il-parti fejn sar it-twessiegh sar mill-Gvern. Skond il-Perit Cassar, il-Gvern nefaq bejn erba' jew hames t'elef Lira Maltija ghall-asfaltar, u dan ghaliex il-Perit Cassar jispjega li l-parti tan-nofs tat-triq[19] ma kellhiex tigi mimsusa. F'dan ir-rigward, jinghad illi l-*foreman* tal-haddiema tal-Gvern li kienu asfaltaw it-triq, Joe Magro, meta kkonfrontat mal-Perit Cassar fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2003, kien qal li l-Gvern asfalta it-tul tat-triq kollha, izda fix-xhieda precedenti tieghu dik in-nhar stess kien xehed li meta marru fuq il-post biex jasfaltaw, it-triq kienet diga`

[17] fol. 295 *et seq.*
[18] fol. 316 *et seq.*
[19] ara Dok. CC1 a fol. 309

mwessa’ u kien hemm anke asfalt. Hija ghalhekk aktar verosimili l-verzjoni moghtija mill-attur.

Ghalhekk, l-inferenzi li jingibdu mill-provi ma jistghux hlief isostnu l-verzjoni ta’ l-ewwel Qorti bhala wahda korretta u konsegwentement dan l-aggravju qed jigi michud stante li jirrizulta minghajr ebda fondament.

8.1. Jibqa’ ghalhekk l-aggravju ta’ l-appellanti dwar l-imghax akkordat mill-ewwel Qorti. Fil-fehma ta’ l-appellanti l-ammont kien wiehed *da liquidarsi* u ghalhekk ebda imghax ma kien dovut. Jissottomettu li l-Gvern ma setax jitqies moruz talli ma hallasx wara li gietipprezentata l-ittra ufficjali ghaliex ma setax ihallas stante li l-atturi ma pprezentawx id-dokumentazzjoni necessarja. Tant l-ammont ma kienx wiehed facilment likwidabbli li l-Qorti stess akkordat ammont *arbitrio boni viri* ghax irrizulta li parti mix-xoghol ma kienx sar mill-atturi. L-atturi stess talbu ammont li ried jigi likwidat meta normalment, f’azzjoni bbazata fuq kuntratt, wiehed jitlob dak li jirrizulta hemm.

8.2. Min-naha l-ohra l-atturi appellati jissottomettu li mhux minnu li l-mertu kien jikkoncerna somma “da liquidarsi”, izda t-talba attrici tirrigwarda xoghol li kien diga` tkejjel mis-“surveyors” tal-konvenut u gie pprezzat minnu. L-unika kwistjoni li kienet ghadha trid tigi likwidata kienet dik rigwardanti dik il-parti tax-xoghol li saret mill-haddiema tal-Gvern. Inoltre, dan kien debitu kummercjali li fuqu jghaddu u huma dovuti interessi mid-data tat-terminazzjoni tax-xoghol, tant li dawn l-interessi gew imsemmija u mitluba fl-ittra ufficjali tat-18 ta’ Novembru 1993.

8.3. Il-posizzjoni legali dwar l-imghax hija regolata bis-subtitolu IV tat-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili u cioe` dak li jitkellem “Fuq l-Effetti ta’ l-Obbligazzjonijiet”. Relevanti ghall-materja in ezami huma l-Artikoli 1139 u 1141 tal-Kap. 16.

L-Artikolu 1139 jghid hekk:

"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-garanzija u s-socjeta`, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghatha meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."

L-Artikolu 1141 ikompli jelabora:
"(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkuntiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu *ipso iure*, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.

(2) F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni."

Issa, skond l-appellanti l-Qorti ta' Prim Istanza ma setghetx tordna wkoll il-hlas tad-danni mid-data ta' l-ittra ufficjali ghaliex l-ammont dovut ma kienx likwidat u lanqas seta' jigi facilment likwidat. L-appellanti qed jibbazaw din il-lanjanza fuq l-Artikolu 1139 li jipprovdi li l-imghaxijiet huma dovuti minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni li "jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata" – l-appellanti ghalhekk qed jirreferu ghall-principju abbraccjat mill-gurisprudenza nostrana li "in liquidandis non fit mora". Ghal zmien twil il-Qrati taghna segwew dan il-principju u hemm bosta decizjonijiet fis-sens li meta l-ammont ma jkunx likwidu ma jistax jinghata imghax jekk mhux mid-data tas-sentenza, ossija minn meta l-kreditu jigi likwidat. Dan il-principju ghadu jigi segwit mill-Qrati, izda tul l-ahhar snin, sar zvilupp fil-gurisprudenza u dan il-principju gie temperat f'dawk il-kazijiet fejn il-Qorti setghet tqis li kienu jirrikorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat. Xi eccezzjonijiet fejn din il-massima ma gietx applikata jinkludi l-kaz meta l-

likwidazzjoni ma tkunx saret bil-htija tad-debitur[20], jew fejn is-sid ikun gie ingustament spoljat mill-proprjeta` tieghu,[21] jew fejn il-likwidazzjoni tas-sorte tkun tista' ssir facilment mill-att tac-citazzjoni stess jew mid-dokumenti pprezentati maghha[22].

8.4. Fil-kaz odjern u kif sewwa ssottomettew l-appellati, ghalkemm fic-citazzjoni l-atturi ma specifikawx ammont ta' danni dovuti, l-ammont kien wiehed li seta' facilment jigi stabbilit mill-konvenuti, stante li l-kejl tax-xoghol kien ilu li sar mis-"surveyor" ta' l-appellanti, li kien anke hadem il-prezz tax-xogholijiet li saru mill-atturi. Dan jirrizulta kjarament mid-dokumenti esebiti mill-attur ma' l-affidavit tieghu, liema dokumenti kienu fil-pussess tad-Dipartiment koncernat ferm qabel ma giet ipprezentata l-kawza odjerna. Id-dubbju dwar l-ammont dovut kien jikkoncerna biss parti zghira mill-hlas, jigifieri l-prezz ta' l-asfaltar li kien sar fl-inhawi "ta' Ciantar" mill-haddiema tal-Gvern. Jigi pprecizat illi "il sol fatto che il creditore non abbia chiesto gli interessi, costituenti per legge un credito liquido, non importa rinuncia ai medesimi". Dan ghaliex gie ritenut illi l-kreditur ta' debitu skadut huwa "*di pieno diritto* kreditur anke ta' l-interessi dekorsi mill-gurnata ta' l-iskadenza sa dak tal-pagament".[23] Inoltre, li kieku l-appellanti riedu jezimu ruhhom mir-responsabbilita` ta' l-imghaxijiet setghu ghamlu kalkolu matematiku semplici u ddepozitaw l-ammont fir-Registru tal-Qorti. Dan izda ma sarx u ghalhekk ma hemmx raguni ghala l-appellanti li kkontestaw it-talbiet attrici u li zammu l-flus dovuti lill-haddiehor f'idejhom tul dan iz-zmien kollu, ghandhom jigu stmati ahjar minn min jammetti d-debitu tieghu u jhallas mill-ewwel. Dan l-aggravju qed jigi wkoll michud.

**<u>DECIDE</u>**

---

[20] Ara "Giorgi: Delle Obbligazioni" kwotat fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Alfred Schembri v. Dr. L. Buhagiar deciza 28 ta' Frar 1997; Mario Galea et v. Emanuel Fenech PA deciza 16 ta' Jannar 2003

[21] Vol XXXI I 84

[22] Mario Sacco v. Peter F. Muscat et – Appell superjuri 31/1/2003

[23] ara sentenza fil-Volum XXXVIII III 642

9. Ghall-motivi hawn fuq esposti, din il-Qorti tichad l-appell tal-konvenuti, u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------